**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 60

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 15 ta' Novembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Daniel Mallia – Viċi Sindku

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Pero ftit minuti qabel bdiet il-laqgħa l-Viċi Sindku Daniel Mallia, nforma lill-kunsill b'messaġġ li jaf ma jlaħħaqx jasal minħabba problema kbira tat-traffiku.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 59

60.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-disgħa u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

60.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

60.2.3 Fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini, l-minuti tad-disgħa u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is-Sur Dalli għamel referenza għaċ-ċirkulari li kienet inħarġet b'numru SPI/SCI/10/2022 – Żvilupp ta' Latrini pubbliċi Awtomatici madwar Malta u Għawdex. Din kienet espressjoni ta' interess li nħarġet għall-attenzjoni tar-Reġjuni fejn ir-Reġjun Lvant kien applika għall-interess f'isem il-kunsilli lokali li jaqaw fi ħdanu. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kien wera interess mar-Reġjun biex issir latrina awtomatika fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u iltaqgħa mal-kuntrattur li kien qed jaħdem mar-Reġjun biex jiddiskuti din il-possibbilta. Dan il-kuntrattur għandu latrina awtomatika kif jixtieq il-kunsill u din tiswa 65,000 EUR. Il-Kunsill Lokali għalhekk ser japplika mar-Reġjun Lvant għal fond ta' 100,000 EUR biex ikun jista jagħmel din il-latrina, inklużi l-ispejjeż tal-perit. Il-Kunsill kollu qabel ma' dak li qal is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lir-Reġjun biex umbgħad tibda t-tħejjija biex jinħareġ it-tender.

60.3.2 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-Mitħna li din hija binja devolutha lil kunsill għalhekk il-kunsill huwa responsabbli tal-manutenzzjoni tagħha. Huwa spjega kif bħala Sindku huwa ilu jitħabat ħafna biex din il-Mitħna ssirilha restawr xiraq u saħansitra sar kuntatt ma' Heritage Malta u mal-Ministru tal-Wirt Kulturali biex tingħata l-għajnuna, però l-istat tal-Mitħna sal-lum għadu l-istess. Huwa qal kif issa ġie avviċinat minn uffiċjal mill-MTA, li din mid-dehra lesta tagħti l-għajnuna tagħha lil kunsill lokali biex issir evalwazzjoni fuq l-istat tal-Mitħna. Din l-uffiċċjal kull ma trid hija tnejn jew tlett kuntatti ta' periti biex tkun tista tmexxi. Għalhekk is-Sindku qal kif il-kunsill ser ikun qed jagħti s-suġġerimenti tiegħu u kuntatti ta' xi periti lil din l-uffiċjal. Il-Kunsilliera ħadu nota.

## 60.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

60.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 60.5 Korrispondenza

60.5.1 Is-Sur Zahra staqsa dwar korrispondenza b'numru 2023/406 b'isem 'Monthly meeting with community police'. Huwa staqsa lis-Sindku kemm il-darba jżuru r-raħal il-community police għax rari jarahom. Is-Sindku spjega kif dan is-servizz tal-community policing meta ġie introdott beda bit-tajjeb u l-pulizija assenjati f'Ħal Lija kienu jiġu jduru frekwenti imma s-servizz bħalissa m'għandux wieħed tajjeb. Fil-monthly meetings il-kunsill dejjem jirrepeti l-istess ilmenti għaliex donnhom jibqgħu pendenti u ma jkunx hemm azzjoni minn naħa tal-pulizija. Is-Sindku qal kif huwa xejn ma huwa sodisfatt bis-servizz tal-community police officers u hemm bżonn jitjieb aktar, filfatt qal kif huwa anke tkellem mas-Supretendent u l-ispettur dwar dan.

60.5.2 Is-Sinjura Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 2023/418 -Siti kulturali Reġjun Lvant. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku spjegawla kif dik kienet korrispondenza fejn ir-Reġjun staqsa lil kunsill x'siti kulturali jixtieq li jinvolvi f'parti mill-proġett/launching tal-kultura.

60.5.3 Is-Sa Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex inhi korrispondenza numru 2023/430. Is-Sindku nfurmaha kif dik korrispondenza bejn il-kunsill, il-perit u l-kuntrattur dwar il-manutenzzjoni riċenti li saret fuq il-ġnien tal-Mirakli.

60.5.4 Is-Sa Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex inhi korrispondenza numru 2023/459. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet imejl li bgħat il-kunsill stess lil Cleansing Department biex tingħata għajnuna u jitneħħa ċertu skart li ġie mormi llegalment fejn iċ-ċimiterju tal-Abbati. Dan l-iskart ma setgħax jinġabar mill-kuntrattur tar-Reġjun għaliex il-kuntrattur qal li dak mhux household imma skart illegali.

## 60.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-tielet Rapport ta' Kull kwar għal Perjodu Jan – Sep 2023

60.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill it-tielet rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jan sa Sep 2023. Dan ir-rapport ġie ppreparat mill-accountant is-Sur Kevin Incorvaja.

60.6.2 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju qraw fil-qosor il-figuri tar-rapport kif ġej. Is-Sindku qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €242,073, nefqa totali ta' €288,105 u dan irriżulta fi defiċit ta' €46,032. Minkejja li hemm defiċit ta' €46,032, is-Sindku spjega kif din iċ-ċifra kollha ser tkun rikuperata kollha u tidher ċifra kbira għaliex; mit-tielet allokazzjoni l-kunsill kellu tnaqqis sostanzjali mill-fondi tal-ġbir tal-iskart biex dawn jingħataw lir-Reġjun, il-kunsill għadu ma ġabx lura minn imkien it-12,000 EUR li suppost kellha tingħata minn TM tal-van tal-elettriku u f'Ottubru l-kunsill kellu xi dħul mir-Reġjun li f'dan ir-rapport sintendi ma jidrux. Wara s-Sur Dalli kompla jispjega r-rapport billi ta *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu hija ta 39%. Is-Sindku kompla jitkellem fuq iċ-ċifri tar-rapport.

60.6.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku, mistoqsijiet ma kienx hemm.

60.6.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 60.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

60.7.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Fondi ta' tisbieħ u tijieb tar-Reġjun Lvant - Xiri ta' 3 biċċiet play equipment ġodda fil-ġnien Tal-Mirakli</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill għall-approvazzjoni, kwotazzjoni mingħand Urban Play Solutions biex jinxtraw tlett tipi ta' play equipment ġodda fil-ġnien tal-Mirakli. Dan l-equipment ser jammonta lil kunsill is-somma ta' EUR 2,861.50 u din l-ispiża qed tiġi ssuġġeritha li tittieħed mill-fondi tar-Reġjun Lvant ta' tisbieħ u titjieb.

60.7.1.2 Il-Kunsill kollu unanimament approva li jinxtara dan l-equipment permezz tal-fondi ta' titjieb u tisbieħ tar-Reġjun Lvant.

60.7.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Fondi ta' tisbieħ u titjieb tar-Reġjun Lvant - Spejjeż tal-Perit</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill għall-approvazzjoni, il-kontijiet kollha tal-perit inkonessjoni mal-proġett ta' tisbieħ tal-bankini li qed isir fi Vjal it-Trasfigurazzjoni bl-ammont totali ta' EUR 14, 430.64. Dawn l-ispejjeż qed jiġu ssuġġeriti biex jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun Lvant ta' tisbieħ u titjieb.

60.7.2.2 Fuq proposta tas-Sa Farrugia, issekondatha mis-Sur Cini, il-Kunsill kollu unanimament approva li dawn l-ispejjeż tal-perit jitħallsu permezz tal-fondi ta' titjieb u tisbieħ tar-Reġjun Lvant.

60.7.3.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Fondi ta' tisbieħ u titjieb tar-Reġjun Lvant – Xiri ta' 10 fanali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill għall-approvazzjoni, kwotazzjoni mingħand Fabian Mallia biex jinxtraw 10 fanali ġodda. Dawn il-fanali ser jammontaw lil kunsill is-somma ta' EUR 8,127.25 u din l-ispiża qed tiġi ssuġġerita li tittieħed mill-fondi tar-Reġjun Lvant ta' tisbieħ u titjieb. Is-Sindku qal kif dawn il-fanali ser jitweħlu Misraħ tal-Borg.

60.7.3.2 Il-Kunsill kollu unanimament approva li din l-ispiza tal-fanali titħallas permezz tal-fondi ta' titijieb u tisbieħ tar-Reġjun Lvant.

60.7.4.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Fondi ta' tisbieħ u titjieb tar-Reġjun Lvant – Użu tal-kumplament tal-fondi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsill kif il-bilanċ pendenti ta' fondi li għandu l-kunsill taħt l-iskema ta' titjieb u tisbieħ tar-Reġjun Lvant huwa ta' madwar EUR 2,861.85. Dan il-bilanċ ser jintilef jekk il-kunsill ma jiddeċiedix kif ser jagħmel użu tiegħu sal-aħħar ta' Novembru 2023.

60.7.4.2 Ġie ssuġġeriet li bil-kumplament tal-bilanċ jew jiġu ordnati tabelli/sinjali ġodda tat-toroq, jew jkun hemm xiri ta' bins jew xiri ta' fanali fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, dan skond il-ħtieġijiet tal-kunsill. Il-Kunsill kollu unanimament approva li l-kumplament tal-bilanċ għandu propja jintuża għalhekk.

60.7.5.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Rapport ta' Evalwazzjoni Tender tal-Accountant u Accounting Technician</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsilliera kif l-evalwazzjoni fuq it-tender tal-accountant u l-accounting technician għadha għaddejja peress li kien hemm bżonn isiru xi klarifikazzjonijiet mill-bord. Hija qalet kif b'kollox il-kunsill irċieva 5 offerti u dawn qed jiġu evalwati. Diment li l-kuntratturi kollha nteressati tefgħu l-offerti tagħhom komplutli l-bord appena jiddetermina dan, jiproċedi billi jirrakkomanda l-irħas offerta, kif normalment dejjem isir.

60.7.5.2 Is-Sa Seguna qalet li appena titlesta l-evalwazzjoni hija ser tagħmel ir-rapport u tibgħat kopja tiegħu lil kunsill kollu. Talbet għall-approvazzjoni tas-Sindku u il-kunsilliera biex tkun tista tmexxi minnufih skond id-deċizjoni tal-bord, peress li dawn is-servizzi huma bżonnjużi u biex ma jkunx hemm aktar telf ta' ħin biex jingħata l-award lil accountant ġdid. Il-Kunsill unanimament approva li ser ikun qed jimxi fuq l-pariri u deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni.

60.7.6.1 <u>Informazzjoni dwar il-publikazzjoni tat-Tender għas-servizz tal-perit</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsill kollu kif riċenti nħareġ tender ġdid għas-servizzi professjonali ta' perit lil kunsill kollu, dan għaliex sintendi l-kuntratt eżistenti tal-kunsill ser jiskadi fl-aħħar tas-sena 2023. Dan it-tender deher fl-10 ta' Novembru 2023 u għandu sal-11 ta' Diċembru 2023. Wara il- 11 ta' Diċembru tibda l-evalwazzjoni. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-informazzjoni.

60.7.7.1 <u>Informazzjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' żewġ tenders oħra – Servizz ta' Contracts Manager u Installazzjoni/ Manutenzzjoni ta' tabelli u sinjali tat-toroq</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsill kif hija qiegħda fil-proċess ukoll li tipprepara żewġ tenders oħra peress li dawn ukoll ser jiskadu fl-aħħar tas-sena 2023:

- Servizz ta' Contracts manager
- Installazzjoni / Manutenzzjoni ta' tabelli u sinjali tat-toroq

60.7.7.2 Dawn it-tenders, bħala dokumenti, ser ikunu qed jiġu ppreparati bħal dawk li għandu kurrenti bħalissa l-kunsill lokali. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-informazzjoni.

60.7.7.3 Rigward it-tender tas-Servizz tal-contracts manager, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif id-dipartiment tal-Gvern Lokali żied klawżola fit-terms of reference li tgħid hekk:

- *The Contracts (Community Works) Manager, upon accepting this contract, cannot have more than__________ contracts with other Local Councils within the same period and performing the same service. The Contracting Authority reserves the right to terminate the contract if the contractor exceeds the number of contracts.*

60.7.7.4 Is-Sa Seguna talbet lil kunsill jiddeċiedi kif ser jimla din il-klawżola. Ġie deċiż li l-contracts manager ma jistax ikollu aktar minn tlett kunsilli li jridu jkunu tal-istess daqs ta' Ħal Lija.

60.7.8.1 <u>Talba Communal Blue badge parking space – Triq Carmelo Farrugia</u>
Saret talba mal-kunsill lokali biex fi Triq Carmelo Farrugia tiġi mplementatha blue badge parking space li minnha jista jibbenifika kull min għandu xi bżonnijiet speċjali u sintendi li għandu blue card.

60.7.8.2 Il-Kunsill approva din it-talba u ser tintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM. Is-Sa Farrugia ssuġġeriet biex din issir fi Triq Carmelo Farrugia fil-parti l-ġdida.

60.7.9.1 <u>Talba biex jitweħlu żewġ tabelli mingħand The Ruler Stationary</u>
Is-Sid ta' The Ruler Stationary qed tistaqsi lil Kunsill Lokali ta' Ħal Lija jekk tistax tweħħel żewġ tabelli ta' direzzjoni (60x30cm) biex in-nies jkunu jafu minn fejn għandhom jgħaddu biex isibu l-ħanut tagħha. Hija qed titlob biex tweħħel dawn it-tabelli waħda fi Triq Annibale Preca inti u dieħel minn fejn in-niċċa tal-Madonna u l-oħra Triq

Annibale Preca kantuniera ma' Triq Carmelo Farrugia (it-triq il-ġdida). Din il-persuna ġiet infurmata li apparti li trid tingħata l-approvazzjoni mill-kunsill qabel ma tweħħilhom, hemm ukoll xi taraffi li hija trid tħallas skond il-bye-law li għandu l-kunsill, li hija aċċettat.

60.7.9.2 Il-Kunsill iddeċieda li alissa dawn it-tabelli jistgħu jitweħlu biss bi prova ta' tlett xhur.

60.7.10.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni biex isir survey fi Triq Mons G.Fenech Sqaq nru 2</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-kunsill kollu, stima biex isir survey fi Triq Mons G.Fenech Sqaq nru 2. Qabel ma jibda ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq Mons G.Fenech Sqaq nru 2, il-perit tal-parir li jsir survey minħabba l-livelli. Dan is-survey ser jammonta għal 2,050.00 EUR.

60.7.10.2 Il-Kunsill unanimament approva li jsir dan is-survey għal fini ta' ċertezza.

## 60.8 Milied 2023

60.8.1 Is-Sur Dalli beda billi qal li tal-festi ta' barra ġew jiffirmaw l-ftehiem mal-kunsill dwar it-tiżjien tas-siġar u fil-jiem li ġejjien dawn ser jibdew filfatt iżejnu.

60.8.2 Is-Sindku qal li sab presepju mingħand persuna li jaf jagħmillu presepju fuq tip ta xenarju u jekk jirnexxilu dan ser jitpoġġa fuq iz-zuntier.

60.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku nfurmat lil kunsilliera li għal sena oħra l-MTA ser jerġgħu jagħtu lil kunsill is-somma ta' 3,000 EUR għal tiżjien tal-Milied.

60.8.4 Is-Sindku tkellem fuq il-flyer tal-Milied li ser ikun qed jinħareġ bid-data tal-attivitajiet tal-kunsill. Fost dawn id-data ser ikun hemm imniżżel:
6 ta' Diċembru – il-Laqgħa tal-Lokali fi 6:00pm fl-uffiċċju tal-Kunsill
15 ta' Diċembru – ser tkun qed tiġi organizzatha l-ikla tal-anzjani fi 12:00pm
21 ta' Diċembru – ser issir l-attivita ta' mother christmas tat-tqassim tar-rigali

60.8.5 Apparti dawn id-dati, ġie ssuġġeriet li l-ikla tal-istaff tal-kunsill issir fi 22 ta' Diċembru fit-8:00pm. Bħala restorant il-kunsill ser jipprova jagħmel l-arranġamenti ma' Ta' Cassia.

## 60.9 Festival Taċ-Ċitru 2024

60.9.1 Is-Sur Dalli reġgħa nforma lil Kunsilliera kif il-Festival taċ-ċitru huwa kkonfermat li ser isir fil-21 ta' Jannar. Appena l-kunsill ilesti mill-preparamenti tal-Milied, ser jibda jaħdem fuq il-festival taċ-ċitru. Ser jintuża l-istess poster tas-sena l-oħra u kemm tinbidel id-data.

60.9.2 Is-Sur Dalli talab lil kunsilliera kollha biex jekk jafu b'xi nies, jew professjonalisti li jixtiequ jipparteċipaw fil-festival, jew għandhom lil xi ħadd f'moħħhom li jkun ta' gwadann jekk jiġi mistieden biex jipparteċipa fil-festival taċ-ċitru, għandhom jagħmlu kuntatt magħhom. Il-Kunsilliera għandhom anke jgħaddu din l-informazzjoni u ċertu kuntatti għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Kull għajnuna tgħodd biex jitella festival sabiħ u ta' suċċess.

60.9.3 Is-Sindku qal kif waqt il-festival taċ-ċitru aktarx ukoll li l-kunsill Lokali ser ikun qed jaħdem id f'id mar-Reġjun Lvant biex issir exhibition mill-għaqda tan-nar; exhibition tal-maskli. Din l-attivita ser tkun qed titella bħala waħda mill-attivitajiet tal-kultura peress li s-sena d-dieħla ir-Reġjun Lvant intagħżel bħala r-Reġjun tal-Kultura. Il-Kunsill kollu qabel.

## 60.10 Laqgħa tal-Lokalita – It-Tieni Laqgħa għas-sena 2023

60.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi artiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali diġà saret fi April. Issa trid tinżamm it-tieni laqgħa u din trid tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat il-budget għas-sena li jmiss.

60.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif fil-jiem li ġejjien ser jibda jiġi ppreparat il-budget u ttamat li ma ddumx ma tintbagħat iċ-ċirkulari tal-allokazzjoni għas-sena 2024. Kopja ta' dan id-dokument ser jintbgħat bl-imejl kif ikun lest lil kunsilliera kollha.

60.10.3 B'mod unanimu kien hemm qbil biex din il-laqgħa annwali ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill fis-6 t'Diċembru 2023 fis-6:00pm.

## 60.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

60.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 11/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €166.65 għax-xahar ta' Ottubru.

60.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 11/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 60.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

60.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjoni alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 60.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

60.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

60.13.2 Is-Sa Farrugia staqsiet jekk il-kunsill irċiviex xi risposta dwar id-diversi imejls li l-kunsill kien bgħat fuq il-bus shelters. Il-Kunsill ilu ferm jistaqsi dwar dan u ser terġa tintbagħat reminder lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

60.13.3 Is-Sur Ċini staqsa meta isir l-eżercizzju tas-seqer biex forsi tibda tittaffa ftit il-problema tal-ħamiem. Is-Sindku qal kif il-kunsill qed jiġu wara l-kuntrattur u suppost daqt ser ittina data. Il-Kunsill għadu qed jistenna data biss.

60.13.4 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif ser ikun qed jagħmel appuntament mal-Malta public Transport biex forsi ġo Ħal Lija tibda tidħol il- public bus żgħira li għandhom.

60.13.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera kif fil-15 ta' Diċembru fid-9:00am ser tkun qed issir il-launch tal-vann tal-elettriku li xtara l-kunsill. Kulħadd mistieden jattendi. Il-post fejn ser issir din il-launch għadu mhux magħruf però aktarx li tkun fil-Pjazza. Ser tingħata konferma lil Kunsilliera dwar il-post aktar il-quddiem.

60.13.6 Il-Ħin kien 6:12pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |